MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 110/2002/1

**Abdilla Construct Limited**

**vs**

**Stephen Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u mitejn lira Maltija (Lm3200) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' materjal u servizzi ta' kostruzzjoni lill-konvenut resi u kkonsenjati fuq is-sit Confectionery fi Triq il-Luzzu, M'Xlokk fuq ordnijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni

Wara li rat id-dokument anness a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-7 ta' Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3200.00,0 bl-imghax legali mit-8 ta' Frar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur